*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,354, 3 ta' Diċembru, 2024*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXXVII tal-2024**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda liġijiet varji dwar is-servizzi veterinarji u t-trattament xieraq tal-annimali.**

**ACT No. XXXVII of 2024**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend various laws related to veterinary services and animal welfare.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

3 ta' Diċembru, 2024

**ATT Nru XXXVII tal-2024**

*ATT sabiex jemenda liġijiet varji dwar is-servizzi veterinarji u t-trattament xieraq tal-annimali.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda Liġijiet Varji dwar is-Servizzi Veterinarji u t-Trattament Xieraq tal-Annimali. Titolu fil-qosor.

## TAQSIMA I
## EMENDI GĦALL-ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI

**2.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar is-Servizzi Veterinarji. Kap. 437.

**3.** Fl-artikolu 25 tal-Att prinċipali l-kliem ", wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali," għandhom jiġu mħassra. Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

**4.** Fl-artikolu 26 tal-Att prinċipali l-kliem ", wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali," għandhom jiġu Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

mħassra.

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

**5.** Fl-artikolu 27 tal-Att prinċipali l-kliem ", wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali," għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

**6.** L-artikolu 43 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

Kap. 451. L.S. 451.03.

"(5) Bla ħsara għas-subartikoli (2) u (3), u skont l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u r-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, persuna tista' tipprovdi servizzi veterinarji f'Malta, fuq bażi temporanja u okkażjonali, sakemm tkun stabbilita skont il-liġi fi Stat Membru ieħor bil-għan li teżerċita l-professjoni ta' kirurgu veterinarju f'tali Stat Membru.";

(2) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (iii) tiegħu l-kliem "u tal-prattika li jkun għamel matul l-għaxar snin ta' qabel" għandhom jiġu mħassra;

(ii) fis-subparagrafu (iv) tiegħu l-kliem "skont ma jkun il-każ;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont ma jkun il-każ."; u

(iii) is-subparagrafu (v) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) is-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) tal-paragrafu (b) tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(3) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6A) tiegħu l-kliem "ta' lingwi neċessarju għall-ipprattikar tal-professjoni f'Malta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-lingwa Maltija jew il-lingwa Ingliża"; u

(4) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "approvati li jipprovdi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li

jipprovdu"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "matul dik is-sena:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "matul dik is-sena." u l-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.

**TAQSIMA II**
**EMENDA GĦALL-ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI**

**7.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda għall-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. Kap. 439.

**8.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali.

(a) fl-ewwel proviso tiegħu minnufih wara l-kliem "li jista’ jkun stabbilit mill-Qorti" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex javża lill-Kummissarju bid-deċiżjoni li timponi tali projbizzjoni"; u

(b) fit-tieni proviso tiegħu minnufih wara l-kliem "tkun għaddiet f’ġudikat" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex javża lill-Kummissarju bid-digriet li jimponi tali projbizzjoni".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 289 tas-27 ta' Novembru, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

3rd December, 2024

## ACT No. XXXVII of 2024

*AN ACT to amend various laws related to veterinary services and animal welfare.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Various Laws related to Veterinary Services and Animal Welfare (Amendment) Act, 2024. Short title.

### PART I
### AMENDMENTS TO THE VETERINARY SERVICES ACT

**2.** This Part amends the Veterinary Services Act and it shall be read and construed as one with the Veterinary Services Act, hereinafter in this Part referred to as the "principal Act". Amendments to the Veterinary Services Act. Cap. 437.

**3.** In article 25 of the principal Act, in the Maltese version only, the words ", wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali," shall be deleted. Amendment of article 25 of the principal Act.

**4.** In article 26 of the principal Act, in the Maltese version only, the words ", wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali," shall be deleted. Amendment of article 26 of the principal Act.

Amendment of article 27 of the principal Act.

**5.** In article 27 of the principal Act, in the Maltese version only, the words ", wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali," shall be deleted.

Amendment of article 43 of the principal Act.

**6.** Article 43 of the principal Act shall be amended as follows:

(1) sub-article (5) thereof shall be substituted by the following new sub-article:

Cap. 451.
S.L. 451.03.

"(5) Without prejudice to sub-articles (2) and (3), and in accordance with the Mutual Recognition of Qualifications Act and the Recognition of Professional Qualifications Regulations, a person may provide veterinary services in Malta, on a temporary and occasional basis, provided that he is legally established in another Member State for the purpose of pursuing the profession of a veterinary surgeon in such Member State.";

(2) sub-article (6) thereof shall be amended as follows:

(a) paragraph (a) thereof shall be amended as follows:

(i) in sub-paragraph (iii) thereof the words "and of his practice during the preceding ten years" shall be deleted;

(ii) in sub-paragraph (iv) thereof the words "as it may be applicable;" shall be substituted by the words "as it may be applicable."; and

(iii) sub-paragraph (v) thereof shall be deleted; and

(b) sub-paragraphs (i), (ii), (iii) and (iv) of paragraph (b) thereof shall be deleted;

(3) in paragraph (a) of sub-article (6A) thereof the words "of languages necessary for practising the profession in Malta" shall be substituted by the words "of either the Maltese language or the English language"; and

(4) sub-article (7) thereof shall be amended as follows:

(a) in paragraph (a) thereof the words "approved for the provision of" shall be substituted by the word "providing"; and

(b) in paragraph (b) thereof the words "during that year:" shall be substituted by the words "during that year." and the proviso thereof shall be deleted.

## PART II
## AMENDMENT TO THE ANIMAL WELFARE ACT

**7.** This Part amends the Animal Welfare Act and it shall be read and construed as one with the Animal Welfare Act, hereinafter in this Part referred to as the "principal Act".

Amendment to the Animal Welfare Act. Cap. 439.

**8.** Sub-article (1) of article 45 of the principal Act shall be amended as follows:

Amendment of article 45 of the principal Act.

(a) in the first proviso thereof immediately after the words "as the Court may determine" there shall be added the words "and shall order the Registrar of the Criminal Courts and Tribunals to notify the Commissioner with the judgement imposing such prohibition"; and

(b) in the second proviso thereof immediately after the words "becomes *res judicata*" there shall be added the words "and shall order the Registrar of the Criminal Courts and Tribunals to notify the Commissioner with the decree imposing such prohibition".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 289 of the 27th November, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.54**